III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
## tat-12 ta' Ġunju 2007
## rigward il-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni dwar ħtif mit-terroristi

(2007/562/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Billi:

(1) Il-ħtif minn gruppi/individwi li jistgħu jitpoġġew fl-ispettru tat-terroriżmu internazzjonali jippreżenta sfida enormi għall-Istati Membri.

(2) Biex jiġu riżolti b'suċċess sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni ta' sfond, jistabbilixxu kuntatti u jibdew diskussjonijiet f'ambitu kunfidenzjali.

(3) Il-kapaċitajiet ta' l-Istat Membru kkonċernat jissaħħu b'mod sinifikattiv li kieku dan ikun jista' jagħmel użu mill-esperjenza li Stati Membri oħra kisbu f'sitwazzjonijiet simili.

(4) Għal dan l-għan, kull Stat Membru għandu jippreżenta paġna ta' *data* li fiha informazzjoni ċentrali dwar ħtif li seħħ fil-passat lill-Istati Membri l-oħra fejn jagħti biss informazzjoni mhux klassifikata wara li l-inċident ikun ġie riżolt u ristretta għal inċidenti relatati mat-terroriżmu internazzjonali.

B'DAN JIRRAKKOMANDA,

(1) Lill-Istati Membri:

(a) biex jippreżentaw, wara li inċident ta' ħtif ikun ġie riżolt, id-*data* li ġejja [1]:

— Il-pajjiż u r-reġjun fejn seħħ il-ħtif

— In-numru u n-nazzjonalità ta' l-ostaġġ(i)

— Il-ħin u d-data tal-ħtif

— Il-ħin u d-data ta' tmiem l-inċident

— L-awturi/il-grupp ta' terroristi responsabbli

[1] F'każ ta' ħtif din l-informazzjoni tista' tgħin biex jiġi identifikat malajr jekk Stat Membru ieħor għandux diġà esperjenza bi ħtif ta' ċittadini ta' l-UE fl-istess reġjun, mill-istess grupp ta' terroristi jew taħt ċirkostanzi simili. L-Istat Membru kkonċernat jista' mbagħad jikkuntattja lill-persuna ta' kuntatt speċifikata. Aktar informazzjoni u esperjenzi għandhom jiġu kondiviżi bilateralment skond il-liġi nazzjonali.

— Il-modus operandi tal-ħtif

— Ir-raġuni għall-ħtif

— L-involviment ta' medjatur iva/le

— Il-persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru kkonċernat

Din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata skond il-format stipulat fl-Anness 1.

(b) biex jippreżentaw ukoll l-informazzjoni addizzjonali li ġejja, jekk ikun il-każ:

— Ir-raġuni għaliex l-ostaġġi kienu fil-pajjiż, il-kapaċitajiet lingwistiċi, is-sess ta' l-ostaġġi

— L-ideoloġija, in-nazzjonalità, il-kapaċitajiet lingwistiċi ta' l-awturi

— Il-mezzi użati mill-awturi biex jindirizzaw lill-pubbliku

— Dettalji dwar il-modus operandi ta' l-awturi

Din l-informazzjoni fakultattiva għandha tiġi ppreżentata skond il-format stipulat fl-Anness 2.

(2) Jekk ser tiġi inkluża *data* personali, din id-*data* għandha tiġi ppreżentata skond il-liġi nazzjonali.

(3) Lill-Istati Membri biex jikkumpilaw l-informazzjoni dwar l-inċidenti kollha li seħħew mill-1 ta' Jannar 2002 u jippreżentaw dan is-sommarju lill-Istati Membri l-oħra.

(4) Lill-Istati Membri biex jikkondividu l-informazzjoni abbażi tal-prinċipji msemmija hawn fuq permezz tan-netwerk BdL għall-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni dwar inċidenti ta' terroriżmu fl-UE kollha.

(5) Lill-Istati Membri biex jikkondividu, kemm jista' jkun, l-informazzjoni anki ma' l-Europol u abbażi ta' l-ammont u t-tip ta' *data* kondiviża, wara sena, biex jeżaminaw jekk ikunx tajjeb li tiġi stabbilita *database* fl-Europol.

(6) Lill-Istati Membri biex ifasslu lista ta' dettalji ta' kuntatt u jiskambjaw din il-lista sabiex jiffaċilitaw komunikazzjoni diretta bejn il-punti ta' kuntatt.

*ANNESS 1*

**Notification of terrorist kidnap**

**(or suspected terrorist kidnap)**

*Please complete all fields in this box*

| | |
|---|---|
| National single point of contact/competent authority: | |
| **Name:** | **Reporting Member State:** |
| **Rank/position:** | **Dept/section:** |
| **Telephone:** | **Fax:** |
| **Mobile:** | **E-mail:** |
| Motivation for the kidnap: | |
| Time/date of kidnap/hostage taking: | End of incident time/date: |
| Number/nationality of hostage(s): | |
| Country/Region of the crime: | |
| Perpetrators/responsible group: | |
| Summary of *modus operandi* (**more detail can be provided on the next page**): | |
| Involvement of interpreters/mediators: | |

*ANNESS 2*

*Completion of the following information is optional in accordance with national law*

| Hostage #1 (optional) | | |
|---|---|---|
| **Name:** | **Date of birth:** | **Gender:** |
| **Reason for being in country?** | **First language:** | **Second language:** |
| **Telephone:** | **Nationality:** | |
| Hostage #2 (optional) | | |
| **Name:** | **Date of birth:** | **Gender:** |
| **Reason for being in country?** | **First language:** | **Second language:** |
| **Telephone:** | **Nationality:** | |
| Hostage #3 (optional) | | |
| **Name:** | **Date of birth:** | **Gender:** |
| **Reason for being in country?** | **First language:** | **Second language:** |
| **Telephone:** | **Nationality:** | |

| Perpetrators/responsible group #1 (if details known) | | |
|---|---|---|
| **Name:** | **Ideology:** | **Nationality:** |
| **Is English spoken?** | **First language:** | **Second language:** |
| **Use of publicity:** | **Means of publicity:** | |
| Perpetrators/responsible group #2 (if details known) | | |
| **Name:** | **Ideology:** | **Nationality:** |
| **Is English spoken?** | **First language:** | **Second language:** |
| **Use of publicity:** | **Means of publicity:** | |

| | |
|---|---|
| Modus operandi<br>***Summary of the circumstances of the kidnap. You should consider the following:***<br>*The nature of the hostage taking, i.e. environment*<br>*The nature of the demand, i.e. monetary gain, political aim or concession*<br>*To whom the demand was made, including how the demand was made*<br>*Language/interpreter*<br>*Hostage profile (victimological aspects, e.g. residence permit status, professional background)*<br>*Negotiation strategy*<br>*Delaying tactics*<br>*Telephone tactics*<br>*Technical issues*<br>*Violence used*<br>*The outcome of the incident, including details of resolution, was the hostage released, was the hostage rescued, were suspects detained/killed?*<br>*Any other issues of note*<br>*Are there any issues that you feel should be considered as 'good practice'?* | |